# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Numru**

**Appell numru 390/00**

**Raymond u Mario Gauci**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

## I. PRELIMINARI

1. Dana l-appell jinvolvi principalment kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-disposizzjoni 3(1)(c) tal-Avviz Legali Numru 7 tas-sena 1993 (kif emendat bl-Avviz Legali Numru 169 tal-1995). Jikkoncerna principalment il-punt dwar il-hlasijiet li jridu jsiru mill-appellant meta jintavola appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar ("il-Bord") minn avviz biex tieqaf u ta' twettieq taht l-artikolu 52(6) tal-Att Numru 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-izvilupp. Jikkoncerna principalment il-kwistjoni li jekk l-appellant ghandux ihallas, barra d-dritt tal-appell skond il-

paragrafu 3(1)(a) tal-istess Avviz Legali, ukoll it-taxxa tal-bini msemmija fil-para. 3(1)(c), meta l-appellant irressaq appell bhal dan quddiem il-Bord, u hawnhekk l-appellant jeccepixxi li ma kien mehtieg l-ebda permess ghall-izvilupp milqut mill-avviz ta' twettieq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

2. Dwar din il-kwistjoni, il-Bord ippronunzja ruhu hekk fid-decizjoni tieghu li ta fis-6 ta' Novembru 2000:-

"Il-Bord,

Ra l-appellipprezentat minn Raymond u Mario Gauci fil-konfront tal-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq numru ECF 476/94.

Ra l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' li hija formulata hekk:-

> "Illi matul is-seduta ta' l-14 ta' Frar 1998, l-appellat gie moghti fakolta' li b'nota jispecifika n-natura ta' l-eccezzjoni li ghaliha hemm referenza kemm fil-verbal ta' l-istess Bord ta' l-20 ta' Dicembru 1994 u wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellant tad-9 ta' Mejju 1997.
>
> Illi l-eccezzjoni sollevata mill-appellat hi marbuta ma' l-hlas dovut mill-appellant a termini ta' l-artikolu 3(1) ta' l-Avviz Legali Numru 7 tal-1993.
>
> Illi hu sottomess li fil-konfront tal-kaz odjern mhux bizzejjed li wiehed ihallas il-Lm25 fil-kaz ta' l-appell minn avviz tat-twettieq imma hu obbligat li jhallas ukoll ".. l-ammont ta' taxxa tal-bini li kien ikun dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega kellha tigi sottomessa fil-kaz ta' appell kontra avviz ta' inforzar ……".
>
> Illi kuntrarju ghal dak li qed jissottometti l-appellant l-izvilupp in kwistjoni kien jirrikjedi permess u li wkoll fil-konfront ta' l-appell odjern ghandu japplika l-artikolu gia' citat."

Ikkunsidra:-

L-import tal-eccezzjoni hija cara izda, bir-rispett kollu, hija intempestiva! Kif jista' l-appellant *ihallas l-ammont dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega kellha tigi sottomessa* jekk sa issa:-

- l-appellant qed jikkontendi li ghandu permess
- jew li ma kellux bzonn permess
- l-Awtorita' ma gabet ebda prova li x-xoghol kien infatti jirrikjedi permess.

Il-punt imqajjem mill-Awtorita' semmai jitqajjem wara konferma minn dan il-Bord li kellu bzonn applikazzjoni u mbaghad l-Awtorita' taghmel kawza l-Qorti ghall-hlas lilha dovut (jekk huwa l-kaz) IZDA li titqajjem issa huwa, proceduralment inkorrett.

Ghalhekk l-eccezzjoni ta' nullita' tal-appell hija michuda u l-appell huwa differit ghall-kontinwazzjoni."

## **<u>II. L-APPELL</u>**

3. Minn dina d-decizjoni tal-Bord, appellat l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. L-appellanti talbet li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata, u minflok tiddikjara l-appell intavolat minn Raymond u Mario Gauci quddiem il-Bord bhala wiehed null. L-Awtorita' appellanti sostniet l-aggravju taghha b'dan il-mod:-

"i. Illi l-Bord interpreta hazin l-Avviz Legali 7 ta' l-1993, anzi mar kontra l-ordni tieghu stess, stante li l-hlas dovut hi rekwizit biex wiehed jappella minn avviz ta' twettieq;

ii. L-istess hlas skond l-Avviz Legali 7 ta' l-1993 hi cara bizzejjed u l-interpretazzjoni li ta l-Bord kienet zbaljata, ghax l-istess hlas hi kundizzjoni biex wiehed jappella daqs kemm hu l-hlas rikjest fl-artikolu 3(1)(a). Ikun assurd li wiehed jghid li ma jsirx allura ebda hlas biex tappella, ghax qabel l-Awtorita' trid tipprova li hi ghandha ragun!

> iii. Anzi kien obbligu tal-Bord, li wara t-terminu estiz li ta lill-appellant li kellu quddiemu biex jaghmel dan il-hlas, kull ma seta' jaghmel, meta ma sarx il-hlas kien li jannulla l-appell."

4. Raymond u Mario Gauci, appellati, irrispondew hekk fir-risposta taghhom ghal dan l-appell:-

> "Illi d-decizjoni tal-Bord hija wahda gusta u timmerita konferma, inoltre jigi osservat li n-nullitajiet huma "di stretto diritto" u jekk ma jkunx hemm car u tond stabbilit fil-ligi li n-nuqqas li jwassal ghan-nullita' tal-appell tali nullita' tal-appell ma tistax tintlaqa. Ghalhekk l-esponenti jissottomettu bir-rispett li l-appell interpost mill-Awtorita' huwa bla bazi u ghandu jigi michud u d-decizjoni tal-Bord ikkonfermata."

## <u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

5. Fl-4 ta' Jannar 1995, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar harget avviz biex tieqaf u ta' twettieq, bis-sahha tal-poteri taghha skond l-artikoli 51 u 52 tal-Att Numru 1 tal-1992 kontra Mario u Raymond Gauci. F'dana l-avviz, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar allegat li huma kellhom sit fi Triq Burmarrad, Burmarrad, li fih kien qed isir ksur tal-kontroll tal-ippjanar konsistenti illi sar tibdil tal-uzu tal-art billi qieghdin jitpoggew vetturi fuq l-istess sit u dana minghajr permess. Fl-istess avviz, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar esigiet li Mario u Raymond Gauci jiefqu mmedjatament milli jkomplu jaghmlu dan l-uzu mis-sit u esigiet ukoll li huma jregghu lura kull haga li ghamlu minghajr il-permess fl-istat originali tieghu u dana fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata. Mario u Raymond Gauci hassewhom aggravati minn dan l-avviz u, fis-17 ta' Jannar 1995, huma interponew

appell minnu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Il-motiv tal-appell kien testwalment:-

> "billi huma ma biddlux l-uzu tas-sit in kwistjoni kif allegat fl-imsemmi avviz."

6. Mal-prezentata ta' dana l-appell, l-ahwa Gauci hallsu s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira bhala d-dritt ta' appell.

7. Wara li l-Bord sema' l-provi tal-partijiet u anke sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, il-Bord halla l-appell ghad-decizjoni. Aktar tard il-Bord iddeferixxa l-appell ghad-decizjoni ghall-20 ta' Dicembru 1995 u l-ahwa Gauci gew avzati b'dan permezz tal-ittra tas-segretarjat tal-Bord datata 7 ta' Dicembru 1995. Fil-process tal-Bord jirrizulta illi gurnata qabel, ezattament fis-6 ta' Dicembru 1995, intbaghtet ittra lill-istess ahwa Gauci taht il-firma ta' J. Galea ghas-segretarju tal-Bord li biha l-ahwa Gauci gew mitluba li jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom billi jipproducu kopja tal-ircevuta tad-D.P.F. sa mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru 1995. Il-kapitali D.P.F. ifissru "Development Permit Fee" jew ahjar Dritt ghall-Permess tal-Izvilupp li huwa stabbilit bis-sahha tal-artikolu 421 tal-imsemmi att.

8. L-ahwa Gauci, permess ta' ittra datata t-12 ta' Dicembru 1995 kitbu lura lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Huma ssottomettew li huma diga' kienu hallsu r-rata tad-dritt ta' appell skond il-ligi u sostnew li t-talba biex huma jhallsu d-dritt ghall-permess tal-izvilupp jew

jipproduci ricevuti dwaru kienet, f'dak l-istadju, intempestiva. Huma sostnew li l-Bord kellu jisma' t-trattazzjoni fuq dan il-punt u mbaghad jiddeciedi jekk l-appellanti kienux obbligati jew le li jhallsu xi dritt iehor. Imbaghad wara li jkun deciz dan il-punt, il-kaz jitkompla jigi trattat fuq il-meritu.

9. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar tat eccezzjoni preliminari li l-appell intavolat quddiem il-Bord kien nulli billi l-appellanti ma hallsux id-debita rata ta' dritt skond il-ligi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-appellanti sostnew li l-art in kwistjoni dejjem, ghal snin twal, intuzat ghall-istess uzu. Kwindi sostnew li ma kien hemm l-ebda zvilupp jew tibdil fl-uzu tal-istess art. Sostnew li huma qatt ma biddlu d-destinazzjoni tal-art in kwistjoni kif qed jigi allegat fl-avviz tat-twettieq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Sostnew inoltre li ma kellhom ebda obbligu li jitolbu xi permess u ghalhekk ma kellhom l-ebda obbligu li jhallsu l-persentagg tad-dritt tal-permess ta' zvilupp kif qed tippretendi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Fl-ahharnett sostnew illi l-uniku dritt li kien applikabbli ghall-kaz taghhom kien dak tar-regolament 5(b) tal-Avviz Legali Numru 7 tan-1993. Dan id-dritt huma hallsuh debitament. Ghalhekk sostnew li l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

10. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar spjegat li l-eccezzjoni preliminari kienet marbuta mal-hlas dovut mill-

appellanti ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Avviz Legali Numru 7 tan-1993. L-Awtorita' sostniet li l-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira, li kienu hallsu l-appellanti meta nterponew l-appell taghhom, ma kienx bizzejjed. Sostniet li huma kienu obbligati li jhallsu wkoll "l-ammont ta' taxxa tal-bini li kien ikun dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega kellha tigi sottomessa fil-kaz ta' appell kontra avviz tal-inforzar". L-Awtorita' sostniet li l-uzu tal-art li kien qieghed isir mill-appellanti kien jirrikjedi permess ghax kien jikkonsisti fi zvilupp u ghalhekk id-disposizzjoni tal-Avviz Legali fuq imsemmija kienet applikabbli ghall-kaz.

11 Kif rajna, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bid-decizjoni tieghu li ta fis-6 ta' Novembru 2000, cahad dina l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk iddeferixxa l-appell ghall-kontinwazzjoni. Il-motivazzjoni tal-Bord biex wasal ghal din id-decizjoni tinsab riportata fil-paragrafu 2 ta' din id-decizjoni u ghalhekk m'hemmx il-htiega li tigi ripetuta hawn.

12. Qabel ma din il-Qorti tanalizza kritikament din id-decizjoni tal-Bord, jidhrilha necessarju li tirriproduci testwalment id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli u cioe' s-subartikolu (6) tal-artikolu 52 tal-Att Numru ta' l-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, kif ukoll ir-regolament tal-Att Numru 3 tal-Avviz Legali Numru 7 tal-1993. Is-subartikolu (6) tal-artikolu 52 tal-imsemmi att jiddisponi hekk:-

> "Kull persuna li thossha aggravata b'avviz ghat-twettieq notifikat lilha tista', fiz-zmien hmistax-il gurnata min-notifika tal-avviz, tappella kontra tieghu lill-Bord tal-Appell, u dwar kull appell bhal dak il-Bord –
>
> (a) Jekk ikun sodisfatt li permess ikun inghata taht dan l-att ghall-izvilupp, li ghalih l-avviz ta' twettieq jirreferi, jew li ma kien mehtieg ebda permess ghalih, skond il-kaz, u li l-kundizzjonijiet li ghalihom il-permess kien suggett gew imharsa, ghandu jhassar l-avviz ta' twettieq li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tieghu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif intqal qabel;
>
> (b) F'kull kaz iehor ghandu jichad l-appell."

13. Din id-disposizzjoni tal-ligi taghti dritt lil min ikun aggravat b'avviz biex tieqaf u ta' twettieq li tappella minnu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-terminu stabbilit fl-istess disposizzjoni. L-istess disposizzjoni tispecifika liema kienu t-tlett difizi principali li appellant seta' jaghti fir-rigward ta' avviz biex tieqaf u ta' twettieq s'intendi rigward il-meritu tal-istess avviz. Id-difiza li tikkoncerna l-kaz odjern hija precizament dik li ssostni li ma kien kien mehieg ebda permess ghall-izvilupp milqut bl-avviz tat-twettieq. F'kaz illi ssir il-prova debita ta' din l-allegazzjoni, cioe' li ma kienx hemm bzonn ebda permess fl-izvilupp in kwistjoni, allura l-appell kellu jigi milqugh mill-Bord u l-avviz ta' twettieq li jkun inhareg mill-Awtorita' kellu jigi revokat u mhassar. Fil-kaz illi ma ssirx prova sodisfacenti ta' din l-allegazzjoni tal-appellant, allura l-Bord kellu jichad l-appell u ovvjament jikkonferma l-avviz ta' twettieq.

14. Bis-sahha tas-setghat moghtija bl-artikolu 60 tal-att imsemmi hargu r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali Numru 7 tal-1993, li sussegwentement gie emendat bl-Avviz Legali Numru 169 tal-1995.

Skond dawn ir-regolament, ezattament ir-regolament 3(1)(a) u (c), meta jigi interpost appell minn avviz biex tieqaf u ta' twettieq, tali appell irid ikun akkumpanjat minn zewg drittijiet u cioe':-

(a) Id-dritt xieraq kif imfisser fir-regolament 5 u cioe' hamsa u ghoxrin lira Maltija, kif ukoll "l-ammont ta' taxxa tal-bini li kien ikun dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega kellha tigi sottomessa". Dan it-tieni dritt kien applikabbli biss meta jsir appell minn avviz ta' twettieq taht l-artikolu 52 tal-Att, li gie fuq citat. Fil-kaz ta' appell minn xi decizjoni ohra tal-Awtorita' kellu jkun applikabbli d-disposizzjoni kontenuta fil-paragrafu (b) tar-regolament 3(1) u cioe' riedu jigu riprodotti r-ricevuti li juru l-hlas tat-taxxa tal-bini dovuta ghar-rigward tal-applikazzjoni li mir-rifjut taghha jkun qieghed isir appell. Bis-sahha tal-Avviz Legali 169 tan-1995 il-Bord inghata s-setgha li jiffissa terminu, liema terminu kien a diskrezzjoni tal-Bord prorogabbli, li fih l-appellant seta' jikkonforma ruhu mar-rekwiziti msemmija fil-paragrafu (c) tal-paragrafu 1 tar-regolament 3. Ghandu jinghad illi l-istess Avviz Legali jawtorizza lil dik il-persuna li tkun diga' hallset l-ammont ta' taxxa tal-bini msemmija fis-sub-paragrafu (c) fuq indikat li tezebixxi quddiem il-Bord ir-ricevuti li juru li hija hallset it-taxxa tal-bini in kwistjoni u ghalhekk ma jkollhiex bzonn li hija taghmel il-hlas tal-ammont tat-taxxa tal-bini imsemmija qabel.

15. Kif intqal qabel, il-ligi tippermetti bhala wahda mid-difizi possibbli ghall-appellant li jhossu aggravat minn avviz ta' twettieq, li jeccepixxi li

ghall-izvilupp li ghalih ikun hareg l-avviz ta' twettieq, ma kien hemm bzonn ebda permess tal-izvilupp. Il-Qorti tinnota li r-regolament 3 tal-Avviz Legali 7 tan-1993 fuq citat ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn, fuq naha wahda, appell li jsir fuq din il-motivazzjoni (cioe' li ma kien mehtieg ebda permess) u bejn fuq naha l-ohra, appell li jsir il-motiv li l-appellant kellu permess tal-izvilupp debitu f'idejh. Isegwi allura li, la l-legislatur ma ghogbux jiddistingwi bejn iz-zewg kwalitajiet tal-appelli li huma possibbli taht l-artikolu 52 fuq citat, id-dritt rigwardanti t-taxxa tal-bini li jissemma fl-istess regolament huwa xorta wahda dovut meta l-allegazzjoni tal-appellant tkun illi ma kien mehtieg ebda permess fl-izvilupp milqut bl-avviz tat-twettieq in kwistjoni.

16. Forsi wiehed jista' jikkritika lill-legislatur li m'ghamilx distinzjoni bejn iz-zewg kwalitajiet ta' appelli ghal dak li jirrigwarda t-taxxa tal-hlas tat-taxxa tal-bini jew l-esebizzjoni tar-ricevuti li juru lil-hlas tal-istess taxxa sar. Pero', din il-Qorti hija obbligata li tapplika l-ligi kif inhi. Ma jidhirx li hemm wisq lok ta' interpretazzjoni ghaliex il-ligi hija cara fis-sens illi r-regolament 3 fis-sub-paragrafu taghha timponi li jridu jsiru zewg kwalitajiet ta' hlasijiet cioe' d-dritt ta' appell li jissemma' fir-regolament 5 tal-istess Avviz Legali <u>kif ukoll</u> il-hlas jew il-produzzjoni ta' ricevuti li juru l-hlas tat-taxxa tal-bini kif jissemma fl-istess regolament. Issa fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellant hallas biss id-dritt ta' appell skond ir-regolament 5, izda ma hallasx id-dritt ekwivalenti ghall-ammont ta' taxxa tal-bini li kien ikun dovut li kieku l-applikazzjoni mehtiega

kellha tigi sottomessa lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, kif jinghad fis-sub-paragrafu (c) tal-istess regolament 3.

17. Minn dak li ntqal s'issa jirrizulta li din il-Qorti sejra tilqa' l-appell. Infatti, din il-Qorti, ghalkemm tapprezza d-diffikulta' li sab ruhu fiha l-Bord minhabba li l-Avviz Legali ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn iz-zewg kwalita' ta' appelli, pero' jidhrilha li d-decizjoni appellata tal-Bord fiha certi kontradizzjonijiet. Wahda minnhom hija li l-Bord, kif rajna, permezz ta' ittra tas-segretarjat tal-Bord, kien talab lill-appellanti biex jipproducu r-ricevuti tal-hlas tat-taxxa tal-bini in kwistjoni mentri fid-decizjoni appellata l-Bord minghajr ma accenna xejn ghall-istess ittra, iddecieda li dik it-taxxa ma kienitx rikjesta li tigi mhallsa. Kontradizzjoni ohra hija illi l-Bord iddecieda li l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet f'dak l-istadju intempestiva. Izda minflok ma ta l-provvediment opportun adatt u adegwat ghall-akkoljiment ta' eccezzjoni preliminari bhal din, qabad u ddecieda li jichad mill-ewwel l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell. Tipprezenta certa perplessita wkoll ghal din il-Qorti l-istqarrija tal-Bord, li jekk ikun il-kaz, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kellha taghmel kawza l-Qorti ghall-hlas lilha dovut <u>wara</u> li dan il-Bord ikun iddecieda li kien hemm bzonn applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp.

18. Diga' intqal li din il-Qorti kkonstatat li l-Avviz Legali msemmi ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn id-diversi motivi ta' appell li jistghu jsiru

skond l-artikolu 52(6)(b) tal-imsemmi att. Isegwi allura li, anke fil-kaz ta' appell minn avviz ta' twettieq, motivat fuq l-allegazzjoni li ma kien jehtieg ebda permess tal-izvilupp, xorta wahda f'dan il-kaz l-appellant huwa obbligat li jottempera ruhu mar-rekwiziti mposti mir-regolament 3(1)(c) u (2) dwar it-taxxa tal-bini.

19. Il-Qorti tinnota li l-imsemmi Avviz Legali jiddisponi b'certa precizjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt ta' appell imsemmi fir-regolament 3(1)(a). Infatti, nsibu li r-regolamenti 4, 5 u 6 tal-istess Avviz Legali jidhlu f'certi aspetti konnessi mal-istess dritt ta' appell. Ghall-kuntrarju, l-istess Avviz Legali huwa pjuttost sieket hafna meta jittratta "l-ammont ta' taxxa tal-bini" li tissemma fir-regolament 3(1)(c) tal-istess Avviz Legali. Infatti, l-istess Avviz Legali ma fih xejn specifiku dwar in-natura ta' dan il-hlas, dwar jekk din it-taxxa tal-bini kellhiex tikkonsisti semplicement fid-dritt tal-permess tal-izvilupp taht l-artikolu 41 tal-ligi jew kellhiex ukoll tinkludi l-kontribuzzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura skond l-artikolu 42 tal-istess att. Jista' jinghad ukoll li l-istess Avviz Legali ma jghid xejn dwar kif l-istess ammont kellu jigi migbur u taht liema kundizzjoni u lil min kellu jigi finalment jigi rifuz.

20. Certament mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, almenu f'dana l-istadju, li tipprova tissuplimenta hija stess ghad-deficjenzi apparenti li din il-Qorti rriskontrat fl-istess Avviz Legali. Mhuwiex mistenni minn din il-Qorti, li minghajr ma semghet lill-partijiet fuq il-meritu indiskussjoni, li

hija tipprova tiskogita soluzzjonijiet possibbli ghall-istess nuqqasijiet, li, fil-fehma konsiderata taghha, jehtiegu intervent legislattiv illum qabel ghada. Dan ghaliex il-proceduri jehtieg li jigu kjarifikati u okkorrendo jitnehhew ostakoli inutili biex il-process jithaffef.

21. Fir-risposta tal-appell taghhom, l-appellati, appuntu jirreferu ghall-kwistjoni tan-nullita' sollevata mill-appellanti fl-eccezzjoni taghhom. L-appellati inter alia jissottomettu hekk:-

> "Jigi osservat li n-nullitajiet huma "di stretto diritto" u jekk ma jkunx hemm car u tond stabbilit fil-ligi li n-nuqqas li jwassal ghan-nullita' tal-appell, tali nullita' tal-appell ma tistax tintlaqa'."

22. Din il-Qorti sostanzjalment taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-appellati, aktar u aktar meta si tratta ta' proceduri quddiem Bord amministrattiv fejn, certament m'hemmx lok ghal formalizmu zejjed u fejn in-nullitajiet ghandhom ikunu ristretti ghall-minimu possibbli.

23. Apparti dan il-kumment ta' natura generali, il-Qorti kkonstatat ukoll li fil-kaz specifiku, l-emendi maghmula bl-Avviz Legali 169 tal-1995 ghall-Avviz Legali Numru 7 tal-1993, introducew distinzjoni netta bejn, min-naha 'l wahda, ir-rekwizit id-dritt ta' appell imsemmi fir-regolament 3(1)(a) u, min-naha 'l ohra, bejn ir-rekwiziti konnessi mat-taxxa tal-bini msemmija fir-regolament 3(1)(b) u (c) tal-istess Avviz Legali. Bis-sahha ta' dawn l-emendi jidher car li n-nullita' li kienet espressament komminata fl-Avviz Legali tal-1993 rigward iz-zewg tipi ta' rekwiziti, din

giet issa ristretta biss ghall-kaz fejn l-appell ma jkunx akkompanjat mid-dritt tal-appell taht ir-regolament 3(1)(a). Fi kliem iehor, ir-rekwizit rigwardanti t-taxxa tal-bini taht ir-regolamenti 3(1)(b) u (c) u 3(2) ma baqax milqut min-nullita' espressa f'kaz ta' nuqqas ta' ottemperament mal-istess regolamenti, kif kien qabel ma saru l-imsemmija emendi.

24. Ghandu jinghad ukoll li l-istess emendi ntrodotti bl-Avviz Legali tal-1995 kellhom effett iehor importanti. Infatti dawn ikkonferew fuq il-Bord is-setgha specjali li jiffissa huwa stess terminu, li jkun prorogabbli fid-diskrezzjoni tal-Bord, fuq l-appellant, f'liema terminu kien mistenna li l-istess appellant jottempera ruhu mal-istess rekwizit.

25. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti biex inevitabilment tilqa' l-appell. Madankollu l-effetti ta' tali akkoljiment, m'ghandhomx jissarrfu f'dikjarazzjoni ta' nullita' tal-appell originarjament interpost mill-appellati odjerni quddiem il-Bord. Invece, din il-Qorti sejra tirrevoka d-decizjoni appellata u sejra tirrinvija l-atti lill-Bord biex huwa jirregola ruhu skond il-ligi u fid-dawl ta' din id-decizjoni.

26. Ghal dawn il-motivi:-

Tilqa' l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata u tibghat lura l-atti lill-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar sabiex huwa jkompli jiddisponi mill-kaz odjern skond il-ligi u kif fuq intqal. L-ispejjez, in vista tan-novita' u tal-

komplessita' tal-punt legali sollevat f'din id-decizjoni, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg mg